Parlament Ewropew
2014-2019

Dokument ta' sessjoni

B8-0318/2016 }
B8-0319/2016 }
B8-0320/2016 }
B8-0321/2016 }
B8-0322/2016 }
B8-0323/2016 }
B8-0324/2016 } RC1

8.3.2016

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikolu 123(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa mill-gruppi:
ECR (B8-0318/2016)
S&D (B8-0319/2016)
Verts/ALE (B8-0320/2016)
EFDD (B8-0321/2016)
ALDE (B8-0322/2016)
GUE/NGL (B8-0323/2016)
PPE (B8-0324/2016)

dwar is-sitwazzjoni fl-Eritrea
(2016/2568(RSP))

Davor Ivo Stier, Lars Adaktusson, Lara Comi, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Michael Gahler, György Hölvényi, Roberta Metsola, Maurice Ponga, Cristian Dan Preda, Fernando Ruas, Antonio Tajani, Bogdan Brunon Wenta, Joachim Zeller, Milan Zver
f'isem il-Grupp PPE
Victor Boştinaru, Linda McAvan, Norbert Neuser, Elena Valenciano, Ana Gomes, Marita Ulvskog, Marlene Mizzi, Doru-Claudian Frunzulică,

Enrique Guerrero Salom, Richard Howitt, Francisco Assis,
Zigmantas Balčytis, Hugues Bayet, Brando Benifei, José Blanco López,
Vilija Blinkevičiūtė, Biljana Borzan, Soledad Cabezón Ruiz,
Nicola Caputo, Andrea Cozzolino, Andi Cristea, Isabella De Monte,
Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Neena Gill, Maria Grapini,
Sylvie Guillaume, Jytte Guteland, Anna Hedh, Afzal Khan, Jeppe Kofod,
Olle Ludvigsson, Krystyna Łybacka, Costas Mavrides, Sorin Moisă,
Momchil Nekov, Pier Antonio Panzeri, Demetris Papadakis,
Vincent Peillon, Tonino Picula, Kati Piri, Miroslav Poche,
Inmaculada Rodríguez-Piñero Fernández, Monika Smolková,
Tibor Szanyi, Claudia Tapardel, Julie Ward, Flavio Zanonato
f'isem il-Grupp S&D
Charles Tannock, Mark Demesmaeker, Ryszard Antoni Legutko,
Angel Dzhambazki, Ryszard Czarnecki, Arne Gericke
f'isem il-Grupp ECR
Beatriz Becerra Basterrechea, Nedzhmi Ali, Petras Auštrevičius,
Izaskun Bilbao Barandica, Dita Charanzová, Martina Dlabajová,
Fredrick Federley, Charles Goerens, Nathalie Griesbeck, Marian Harkin,
Filiz Hyusmenova, Ivan Jakovčić, Ilhan Kyuchyuk, Valentinas Mazuronis,
Louis Michel, Javier Nart, Urmas Paet, Maite Pagazaurtundúa Ruiz,
Marietje Schaake, Hannu Takkula, Pavel Telička, Ivo Vajgl,
Hilde Vautmans, Paavo Väyrynen, Cecilia Wikström
f'isem il-Grupp ALDE
Marie-Christine Vergiat, Malin Björk, Lola Sánchez Caldentey,
Barbara Spinelli, Patrick Le Hyaric
f'isem il-Grupp GUE/NGL
Judith Sargentini, Maria Heubuch, Bodil Valero
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Fabio Massimo Castaldo, Ignazio Corrao, Isabella Adinolfi
f'isem il-Grupp EFDD

European Parliament resolution on the situation in Eritrea
(2016/2568(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Eritrea, b'mod partikulari dawk tas-7 ta' Frar 2002[1], tat-18 ta' Novembru 2004[2] u tal-15 ta' Settembru 2011[3] dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż, inkluż il-każ ta' Dawit Isaak,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti Nru 751 (1992), Nru 1882 (2009), Nru 1907 (2009), Nru 2023 (2011) u Nru 2244 (2015), li estendew l-embargo tal-armi impost fuq l-Eritrea sal-15 ta' Novembru 2016, u r-rapport tad-19 ta' Ottubru 2015 tal-Grupp ta' Monitoraġġ dwar is-Somalja u l-Eritrea,

– wara li kkunsidra r-rapport ippreżentat lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-19 ta' Ġunju 2015 mir-Rapporteur Speċjali dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Eritrea, Sheila B. Keetharuth,

– wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE (il-Ftehim ta' Cotonou), kif rivedut fl-2005 u fl-2010, li l-Eritrea hija firmatarja tiegħu,

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/127/PESK tal-1 ta' Marzu 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Eritrea[4], emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/414/PESK tas-26 ta' Lulju 2010[5] u emendata ulterjorment bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/632/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012[6],

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma ta' Skrutinju A tal-Kumitat għall-Iżvilupp tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Novembru 2015,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tat-18 ta' Settembru 2014 mill-kelliem għas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) dwar il-priġunieri politiċi fl-Eritrea,

– wara li kkunsidra r-rapport tas-SEAE dwar is-Sħubija bejn l-Eritrea u l-Unjoni Ewropea tal-2015,

– wara li kkunsidra r-Rapport dwar il-Pajjiż ta' Ġunju 2014 tal-UN Women , li jirrigwarda l-Gvern tal-Istat tal-Eritrea,

– wara li kkunsidra l-Programm Indikattiv Nazzjonali għall-Eritrea taħt il-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp tat-3 ta' Frar 2016,

---

[1] ĠU C 284 E, 21.11.2002, p. 359.
[2] ĠU C 201 E, 18.8.2005, p. 123.
[3] ĠU C 51 E, 22.2.2013, p. 146.
[4] ĠU L 51, 2.3.2010, p. 19.
[5] ĠU L 195, 27.7.2010, p. 74.
[6] ĠU L 282, 16.10.2012, p. 46.

– wara li kkunsidra l-istqarrija lill-midja li saret mill-Kummissjoni ta' Inkjesta tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-Eritrea fit-8 ta' Ġunju 2015,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tat-23 ta' Ġunju 2011 u tal-25 ta' Ġunju 2013 tal-Kopresidenti tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Eritrea,

– wara li kkunsidra d-dibattitu tiegħu tas-27 ta' Mejju 2015 dwar l-għajnuna għall-iżvilupp tal-UE lill-Eritrea, fid-dawl ta' abbużi dokumentati tad-drittijiet tal-bniedem,

– wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni tal-Eritrea adottata fl-1997, li tiggarantixxi l-libertajiet ċivili inkluża l-libertà ta' reliġjon,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol Nru 29 dwar ix-xogħol furzat, Nru 105 dwar l-abolizzjoni tax-xogħol furzat u Nru 87 dwar il-libertà ta' assoċjazzjoni u l-protezzjoni tad-dritt ta' organizzazzjoni,

– wara li kkunsidra l-Karta Afrikana għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli tal-1981,

– wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-UE ilha tappoġġja lill-Eritrea mindu ħadet l-indipendenza mill-Etjopja fl-1993; billi l-wegħda inizjali tad-demokrazija u l-istat tad-dritt wara l-indipendenza tal-pajjiż inżammet lura mill-Gvern tal-Eritrea, bl-iskuża tad-difiża nazzjonali u s-servizz nazzjonali; billi l-elezzjonijiet presidenzjali ppjanati għall-1997 ma seħħew qatt, u billi l-kostituzzjoni rratifikata fl-istess sena qatt ma ġiet implimentata; billi l-elezzjonijiet reġjonali tal-2009 għad iridu jsiru; billi anke qabel ma xoljiet l-Assemblea Nazzjonali fl-2002, il-liġijiet kienu jgħaddu b'digriet tal-gvern;

B. billi l-indipendenza tal-Eritrea mill-Etjopja fl-1993 ħolqot aspettattivi fi ħdan il-komunità internazzjonali, kif ukoll fost il-poplu tal-Eritrea, li din kienet se tgħin lil dan tal-aħħar jibni pajjiż li jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem u ħieles mir-repressjoni; billi dan ma seħħx, iżda minflok kien hemm saħansitra aktar repressjoni u ksur tad-drittijiet tal-bniedem;

C. billi r-rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-NU nnota li l-Eritrea għandha wieħed mill-agħar rekords tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja, bi ksur ripetut tad-drittijiet tal-bniedem li jseħħ kuljum, u li ma ġie rreġistrat l-ebda titjib f'dawn l-aħħar snin; billi bosta żgħażagħ ħarbu mill-pajjiż biex jeħilsu mill-gvern repressiv u mil-lieva militari obbligatorja, li spiss tibda minn età żgħira ħafna, u billi l-istatut ta' perjodu ta' 18-il xahar servizz spiss jinkiser, b'tali mod li l-biċċa l-kbira tal-Eritreani jservu b'mod

indefinit, u billi din il-lieva militari obbligatorja estiża timpedixxi t-tkabbir ekonomoku potenzjali tal-pajjiż; billi kwalunkwe żieda fis-salarji tas-servizz nazzjonali ma tfisser xejn peress li l-iżvalutazzjoni reċenti tan-nakfa u r-restrizzjonijiet bankarji wasslu għan-nuqqasijiet attwali fil-pajjiż; billi ħafna suldati tal-lieva jintużaw fix-xogħol furzat jew jingħataw dmirijiet ċivili; billi l-parti l-kbira ta' dawk fis-servizz nazzjonali jibqgħu f'sitwazzjoni ta' skjavitù, fejn kull xogħol, applikazzjoni għal xogħol kif ukoll il-possibbiltà li wieħed ikollu ħajja tal-familja huma kkontrollati; billi l-libertà ta' qima reliġjuża u ta' kuxjenza, il-libertà tal-midja u l-libertà ta' espressjoni mhumiex garantiti;

D. billi l-Kummissjoni ta' Inkjesta tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-Eritrea sabet li l-ksur fl-oqsma tal-eżekuzzjonijiet extraġudizzjarji, it-tortura (inkluża t-tortura u l-iskjavitù sesswali), is-servizz nazzjonali bħala forma ta' skjavitù, ix-xogħol furzat u l-politika ta' "spara biex toqtol" fil-fruntiera jistgħu jikkostitwixxu delitti kontra l-umanità;

E. billi Human Rights Watch tenfasizza li ma hemm l-ebda libertà ta' reliġjon fl-Eritrea; billi l-gvern jippersegwita strettament lil dawk iċ-ċittadini li jipprattikaw reliġjonijiet oħra barra l-erbgħa li jirrikonoxxi; billi anke fil-każ ta' reliġjonijiet rikonoxxuti, il-gvern xorta waħda jindaħal fil-prattika reliġjuża tan-nies;

F. billi l-attivitajiet omosesswali huma illegali fl-Eritrea, u l-gvern jirrifjuta li jimplimenta leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni li tipproteġi lil persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali (LGBTI);

G. billi d-diskriminazzjoni u l-vjolenza kontra n-nisa huma preżenti fl-oqsma kollha tas-soċjetà tal-Eritrea; billi n-nisa mhux biss huma f'riskju estrem ta' vjolenza sesswali fi ħdan l-armata u f'kampijiet ta' taħriġ militari, iżda anke fis-soċjetà ġenerali, fejn il-vjolenza kontra n-nisa titwettaq f'ambjent ta' impunità; billi huwa stmat li 89 % tal-bniet fl-Eritrea saritilhom Mutilazzjoni Ġenitali Femminili (MĠF); billi f'Marzu 2007 il-gvern ħareġ proklama li fiha ddikjara li l-MĠF hija delitt, ipprojbixxa l-prattika tagħha u sponsorja programmi edukattivi li jiskoraġġixxu l-prattika matul dik is-sena; billi n-nisa jistgħu jitilfu l-intitolament tagħhom għal kupuni tal-ikel u aċċess għall-art;

H. billi għadd kbir ta' persuni Eritreani jiġu arrestati għal diversi raġunijiet mhux ġustifikabbli, bħal pereżempju talli esprimew fehmiet indipendenti, jew mingħajr ebda ġustifikazzjoni espliċita, u għaldaqstant għal perjodi ta' żmien mhux speċifikati; billi d-detenuti, inklużi t-tfal, jinżammu f'kundizzjonijiet estramament ħorox li f'xi każijiet jammontaw għal tortura u ċaħda ta' kura medika; billi d-detenuti nisa spiss jiġu mgħassa minn uffiċjali rġiel, u b'hekk dan iżid ir-riskju ta' vjolenza sesswali u vjolenza bbażata fuq il-ġeneru; billi skont l-Indiċi tal-Freedom House (ir-rapport tal-2015), l-Eritrea għadha kklassifikata fost l-iżjed ambjenti repressivi tal-midja u rċeviet l-aktar punteġġ baxx possibbli li kklassifikaha bħala "l-agħar fost l-agħar", u għandha l-inqas rati ta' aċċess għall-internet – 1 % biss – fid-dinja;

I. billi d-dikjarazzjoni maħruġa fi Brussell fit-18 ta' Settembru 2014 mill-kelliem għas-SEAE esprimiet tħassib dwar id-detenzjoni ta' grupp ta' 11-il membru tal-parlament u membri eminenti tal-Front Popolari għad-Demokrazija u l-Ġustizzja (FPDĠ) mit-

18 ta' Settembru 2001, mingħajr akkuża, sentenza jew il-possibbiltà li jaraw avukat, u dwar id-detenzjoni illegali ta' 10 ġurnalisti indipendenti mit-23 ta' Settembru 2001, fosthom Dawit Isaak, ċittadin tal-Iżvezja u l-uniku priġunier ta' kuxjenza Ewropew; billi l-Patrijarka Abune Antonios għadu f'iżolament u taħt detenzjoni domiċiljari minn Jannar 2006;

J. billi m'hemmx libertà tal-istampa, minħabba li l-midja indipendenti hija pprojbita fl-Eritrea, filwaqt li l-Indiċi Dinjija tal-Libertà tal-Istampa tal-Organizzazzjoni Reporters Without Borders ikklassifika lill-Eritrea fl-aħħar post fost il-170-180 pajjiż evalwat, u dan għal tmien snin konsekuttivi;

K. billi skont ir-Rapport tal-Iżvilupp tal-Bniedem tal-Programm ta' Żvilupp tan-NU tal-2015, l-Eritrea hija kklassifikata fil-182 post minn 188 pajjiż fl-Indiċi tal-Iżvilupp tal-Bniedem għall-2015;

L. billi skont ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Eritrea hemm tliet oqsma ewlenin ta' tħassib, li huma: it-tgawdija tad-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali, inkluż id-dritt għal akkomodazzjoni adegwata; il-kuntrabandu u t-traffikar; u ż-żieda fl-għadd ta' minorenni mhux akkumpanjati li jagħmlu parti minn aktar minn 5 000 persuna li qed jaħarbu mill-pajjiż kull xahar;

M. billi fis-26 ta' Ġunju 2015 mijiet ta' rifuġjati Eritreani pprotestaw quddiem il-kwartieri ġenerali tal-Unjoni Afrikana, fejn talbu li l-organizzazzjoni reġjonali tagħmel pressjoni favur riformi demokratiċi f'pajjiżhom; billi dimostranti akkużaw lil Isaias Afewerki - li ilu żmien twil jokkupa l-kariga ta' President tal-Eritrea - li huwa dittatur, u ħeġġew lill-Unjoni Afrikana tieħu azzjoni;

N. billi f'Novembru 2015 in-NU wissiet dwar nixfa serja fil-Qarn tal-Afrika, b'riżultat tal-evoluzzjoni attwali tal-El Niño; billi n-NU f'Diċembru 2015 iddikjarat li din in-nixfa hija l-akbar li qatt ġiet rreġistrata fir-reġjun, bl-għelejjel jonqsu b'bejn 50 % u 90 %; billi b'riżultat ta' dan, l-Eritrea hija wieħed mill-pajjiżi li se jiffaċċja l-isfida konsiderevoli li jiggarantixxi s-sigurtà tal-ikel għall-popolazzjoni tiegħu;

O. billi, f'kontradizzjoni totali mar-realtà tan-nixfa, il-President tal-Eritrea ċaħad il-biżgħat ta' kriżi tal-ikel, filwaqt li qal li l-pajjiż mhuwiex se jħabbat wiċċu ma' kriżi, minkejja produzzjoni agrikola mnaqqsa;

P. billi l-UE hija donatur importanti lill-Eritrea f'termini ta' għajnuna għall-iżvilupp u assistenza;

Q. billi l-Gvern Eritrean issospenda unilateralment l-għajnuna fl-2011 u ma jirrikonoxxix pubblikament il-kollaborazzjoni u s-sħubija tiegħu mal-UE; billi l-Eritrea ma tiffaċilitax il-possibilità li l-MPE jżuru l-Eritrea liberament u mingħajr kontrolli;

R. billi t-telf tal-għajxien tagħhom iħeġġeġ lin-nisa u lit-tfal jaħarbu mill-pajjiż; billi fl-2015 l-Eritreani li ħarbu minn pajjiżhom kienu jikkostitwixxu r-raba' l-akbar numru ta' nies li ssugraw il-vjaġġ perikoluż lejn l-Ewropa (wara s-Sirjani, l-Iraqini u l-Afgani), li

jgħaddu minn taħt idejn traffikanti bla ħniena biex jagħmlu l-qsim perikoluż tal-Mediterran; billi għaldaqstant is-sitwazzjoni fl-Eritrea taffettwa direttament lill-Ewropa, billi kieku d-drittijiet tal-bniedem kellhom jiġu rispettati u miżmuma fil-pajjiż, u n-nies ikunu jistgħu jgħixu hemmhekk mingħajr biża', l-Eritreani kienu jkunu jistgħu jirritornaw lejn pajjiżhom;

S. billi skont il-Kummissarju Għoli tan-NU għar-Rifuġjati ħarbu aktar minn 400 000 Eritrean, jew 9 % tal-popolazzjoni totali; billi l-UNHCR jikkalkula li madwar 5 000 Eritrean jitilqu mill-pajjiż kull xahar, u li fil-maġġorparti dan huwa minħabba l-persistenza ta' każijiet serji ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem; billi fl-2015 f'69 % tal-każijiet ta' asil li jikkonċernaw l-Eritreani, ingħata l-istatus ta' rifuġjat fl-UE, filwaqt li 27 % oħra tal-applikanti rċevew protezzjoni sussidjarja, ċifri li juru l-gravità tal-persekuzzjoni fl-Eritrea;

T. billi t-traffikar tal-bnedmin għar-riskatt akkumpanjat minn prattiki ta' tortura ħarxa fis-Sinaj huwa l-każun ta' bosta każijiet ta' qtil u ta' għajbien ta' rifuġjati Eritreani li ġew maħtufa, filwaqt li dawk li baqgħu ħajjin u li kienu severament ittrawmatizzati ma rċevew l-ebda kura jew appoġġ; billi teżisti impunità totali, filwaqt li dawk responsabbli għadhom ma tressqux quddiem il-ġustizzja; billi għandha tingħata attenzjoni partikulari lit-tfal mhux akkumpanjati li jisfaw vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, peress li dawn jeħtieġu assistenza u appoġġ speċifiċi minħabba s-sitwazzjoni tagħhom ta' vulnerabbiltà partikulari;

U. billi fit-22 ta' Frar 2016 l-Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp (IGAD) fl-ambitu tal-Programm tas-Settur tas-Sigurtà (SSP) nediet uffiċjalment f'Addis Ababa (l-Etjopja) rapport ta' studju intitolat "Human Smuggling and Trafficking on the Horn of Africa-Central Mediterranean Route" (Il-kuntrabandu u t-traffikar tal-bnedmin tul ir-rotta mill-Qarn tal-Afrika għall-Mediterran Ċentrali);

V. billi l-Eritrea hija favur il-Proċess ta' Khartoum (inizjattiva tal-UE u l-Unjoni Afrikana mnedija fit-28 ta' Novembru 2014 bl-għan li tindirizza l-kwistjoni tal-migrazzjoni u t-traffikar tal-bnedmin), li jinkludi l-implimentazzjoni ta' proġetti konkreti, inkluż il-bini tal-kapaċità għall-ġudikatura u s-sensibilizzazzjoni;

W. billi l-UE inizjalment imponiet sanzjonijiet fuq l-Eritrea f'Marzu 2010 biex timplimenta r-Riżoluzzjoni Nru 1907 (2009) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, u billi din kienet tinkludi embargo tal-armi, restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u ffriżar tal-assi relatati ma' persuni li jikkostitwixxu theddida għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni nazzjonali;

X. billi l-UE għandha interess qawwi li tara lill-Eritrea stabbilizzata, peress li s-sitwazzjoni attwali qiegħda tisforza parti mdaqqsa mill-popolazzjoni biex taħrab, u eluf ta' persuni qed jitilfu ħajjithom b'riżultat ta' attivitajiet kriminali, inkluż id-dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar tal-bnedmin;

Y. billi r-reġim jestendi l-ħakma totalitarja tiegħu fuq id-dijaspora Eritreana, billi jikseb b'mod vjolenti fondi mill-membri tiegħu permezz ta' taxxa ta' 2 % fuq id-dħul barrani, jispjuna fuqhom u jimmira fuq membri tal-familja li baqgħu fl-Eritrea fuq il-bażi ta'

perċezzjoni ta' għemil ħażin; billi fit-28 ta' Jannar 2016 il-Ministru tal-Iżvilupp Nazzjonali tal-Eritrea kif ukoll il-Kap tad-Delegazzjoni tal-UE ffirmaw il-Programm Indikattiv Nazzjonali (PIN) taħt il-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) f'Asmara, b'valur ta' EUR 200 miljun għall-ħames snin li ġejjin; billi l-azzjonijiet għandhom jiffukaw fuq l-enerġija rinnovabbli, il-governanza u l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, b'mod partikulari fis-settur tal-enerġija;

Z. billi fit-13 ta' Novembru 2015 il-Kumitat għall-Iżvilupp tal-Parlament talab lill-Kummissjoni u lis-SEAE jqisu l-konklużjonijiet mibgħuta lill-Kumitat tal-FEŻ dwar l-abbozz tal-Programm Indikattiv Nazzjonali għall-Eritrea, li rrefera għall-iskala u s-serjetà tal-każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mir-reġim tal-Eritrea, in-nuqqas ta' affidabbiltà ta' dan ir-reġim bħala sieħeb fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp, il-korruzzjoni mifruxa u n-nuqqas kważi totali ta' trasparenza fil-ġestjoni finanzjarja pubblika fil-pajjiż, u r-riskju tal-użu ħażin tal-fondi tal-FEŻ għall-ġestjoni tal-migrazzjoni; billi l-Kumitat għall-Iżvilupp talab lill-Kumitat tal-FEŻ ma jadottax il-PIN sakemm isiru aktar diskussjonijiet; billi l-pożizzjoni tal-Parlament ġiet injorata;

AA. billi l-FPDĠ stabbilixxa kontroll u sorveljanza fuq il-komunitajiet ta' rifuġjati u ta' diaspora permezz tal-ambaxxati, li huma involuti fl-estorsjoni fir-rigward ta' taxxi tad-dijaspora u kontribuzzjonijiet "volontarji" bi skambju għal servizzi, bħal karti tal-identità, passaporti, ċertifikati tat-twelid u dokumenti essenzjali li r-rifuġjati jaf ikunu jiddependu fuqhom; billi dawn il-prattiki jikkostitwixxu ksur tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Relazzjonijiet Diplomatiċi; billi l-mexxejja tal-organizzazzjoni taż-żgħażagħ tal-FPDĠ fin-Netherlands bdew kampanji legali kontra akkademiċi, midja u istituzzjonijiet governattivi Netherlandiżi, bl-appoġġ tal-mexxejja politiċi f'Asmara, preżumibbilment biex isikktu lil dawk li jikkritikaw ir-reġim; billi anke r-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Eritrea kienet suġġetta għal theddid;

1. Jinnota bi tħassib kbir li s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem għadha deplorabbli u li l-istat tad-dritt u l-libertà tal-midja fl-Eritrea ma jeżistux;

2. Jenfasizza li l-indirizzar tad-defiċit ta' ġustizzja, governanza demokratika u r-ristawr tal-istat tad-dritt jeħtieġ jiġu pprijoritizzati billi tintemm it-tmexxija awtoritarja bil-biża' ta' detenzjoni arbitrarja u incommunicado, tortura u forom oħra ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, li wħud minnhom jistgħu jitqiesu bħala delitti kontra l-umanità;

3. Iħeġġeġ lill-Gvern tal-Eritrea jtemm is-sistema ta' servizz nazzjonali indefinit billi jiddemobilizza s-suldati tal-lieva li jkunu lestew it-18-il xahar ta' servizz obbligatorji u jtemm il-prattika li jinvolvi lis-suldati tal-lieva f'xogħol furzat wara dak il-perjodu, jipprevedi oġġezzjoni kuxjenzjuża, u jtemm il-prattika obbligatorja li l-istudenti kollha tal-iskola jqattgħu l-aħħar sena ta' skola tagħhom f'kamp ta' taħriġ militari; jitlob lill-gvern Eritrean jiżgura li ħadd ma jwettaq taħriġ militari qabel ma jagħlaq 18-il sena u li persuni ta' età ikbar mill-età normali tal-lieva ma jinqabdux biha; jinnota li l-awtoritajiet Eritreani fakkru, fi Frar 2016, li l-ftehim mal-UE ma kienx se jwassal għal xi riforma tal-politika dwar is-servizz militari tal-Eritrea;

4. Jemmen li l-Kumitat tal-FEŻ missu qies ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp li l-PIN ma jiġix adottat u li jsiru diskussjonijiet ulterjuri; iqis li d-deċiżjoni li jiġi adottat il-PIN għall-Eritrea minkejja l-oppożizzjoni tal-Parlament turi defiċit demokratiku u ddgħajjef gravament ir-rwol tal-Parlament fl-iżgurar tal-implimentazzjoni effettiva tal-għanijiet tal-iżvilupp tal-UE; jitlob, f'dan ir-rigward, li l-Parlament jingħata setgħat ta' skrutinju fuq il-FEŻ permezz ta' ftehim interistituzzjonali vinkolanti taħt l-Artikolu 295 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; jenfasizza li l-konklużjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp dwar abbozzi ta' dokumenti ta' programmar għandhom jintbagħtu awtomatikament mill-Kummissjoni lir-Rappreżentanzi Permanenti tal-Istati Membri;

5. Jieħu nota tal-allokazzjoni ta' EUR 200 miljun tul il-ħames snin li ġejjin għall-PIN taħt il-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, sabiex ikun promoss tnaqqis fil-faqar u l-iżvilupp soċjoekonomiku, jiġu indirizzati l-kawżi ekonomiċi u politiċi fundametnali tal-migrazzjoni, u jiġu ffinanzjati proġetti relatati mal-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza fl-enerġija u l-governanza ekonomika; ifakkar li dan il-pakkett jikkomplementa oqsma oħra ta' kooperazzjoni bħall-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR);

6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-fondi allokati ma jitgawdewx mill-Gvern tal-Eritrea iżda jkunu assenjati strettament biex jinqdew il-ħtiġijiet tal-poplu tal-Eritrea għall-iżvilupp, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, il-governanza tajba u s-sigurtà, u l-libertà tal-espressjoni, tal-istampa u tal-għaqda; iħeġġeġ lill-UE tiżgura l-kundizzjonalità tal-għajnuna li ntlaħaq qbil dwarha reċentement, u wkoll tiżgura li l-PIN jappoġġa lill-Eritrea biex tagħmel bidla importanti fil-politika tagħha tal-enerġija sabiex din tkun aċċessibbli għal kulħadd, speċjalment fiż-żoni rurali, li bħalissa għadhom mingħajr elettriku; jemmen, barra minn hekk, li l-komponent tal-PIN li jirrigwarda l-governanza għandu jiffoka ħafna fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Eżami Perjodiku Universali dwar id-drittijiet tal-bniedem immexxi min-NU;

7. Ifakkar li l-minorenni mhux akkumpanjati huma l-ewwel u qabel kollox tfal li potenzjalment jinsabu fil-periklu, u li l-prinċipju fundamentali għall-Istati Membri u l-UE fir-rigward tal-minorenni mhux akkumpanjati għandu jkun il-protezzjoni tat-tfal aktar milli l-politiki tal-immigrazzjoni, biex b'hekk jiġi rispettat il-prinċipju ewlieni tal-aħjar interessi tat-tfal; ifakkar li, mingħajr eċċezzjoni, kull persuna taħt l-età ta' 18-il sena għandha titqies bħala tifel jew tifla u għaldaqstant bħala minorenni; jindika li l-minorenni mhux akkumpanjati, b'mod partikulari l-bniet, huma doppjament suxxettibbli għall-problemi u d-diffikultajiet li jħabbtu wiċċhom magħhom minorenni oħra;

8. Jappella lill-komunità internazzjonali u lis-sħab għall-iżvilupp tal-Eritrea jintervjenu f'din is-sitwazzjoni u jagħmlu pressjoni fuq il-Gvern Eritrean biex jippermetti l-għajnuna barranija għall-appoġġ ta' komunitajiet vulnerabbli qabel ma l-kriżi tmur għall-agħar; iħeġġeġ lill-UE tieħu miżuri urġenti u effettivi sabiex tgħin lill-poplu Eritrean isaħħaħ ir-reżiljenza tiegħu għall-fenomenu klimatiku magħruf bħala El Niño sabiex jiġu ggarantiti s-sigurtà tal-ikel, l-aċċess għall-ilma u s-sanità;

9. Jibqa' mħasseb sew dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż; itenni l-

appell tiegħu lill-awtoritajiet tal-Eritrea biex jeħilsu immedjatament u bla ebda kundizzjonjiet lill-membri parlamentari, ġurnalisti (inkluż iċ-ċittadin Żvediż Dawit Isaak, li ilha ma tinstema' aħbaru mill-2005), il-priġunieri politiċi u l-priġunieri ta' kuxjenza;

10. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tfittex garanziji ċari min-naħa tal-Gvern tal-Eritrea li se jimplimenta riformi demokratiċi u jiżgura r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, fosthom billi jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet li saru mit-18-il sessjoni tal-Grupp ta' Ħidma tal-Eżami Perjodiku Universali, li l-gvern Eritrean aċċetta fis-7 ta' Frar 2014; jitlob lill-gvern jippermetti aċċess għall-pajjiż lill-esperti indipendenti tan-NU u tal-Unjoni Afrikana, inkluż ir-Rapporteur Speċjali tan-NU, u jippermetti lill-Kummissjoni ta' Inkjesta dwar is-Sitwazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Eritrea teżerċita l-mandat tagħha bis-sħiħ u jikkoopera magħha, anke rigward kwistjonijiet ta' finanzi pubbliċi;

11. Ifakkar li l-libertà tar-reliġjon hija dritt fundamentali, u jikkundanna bil-qawwa kull tip ta' vjolenza jew diskriminazzjoni abbażi tar-reliġjon;

12. Jilqa' l-miżuri li ħa l-Gvern Eritrean fil-ġlieda kontra l-MĠF; jistieden lill-gvern isaħħaħ b'mod ġenerali l-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tan-nisa, fost l-oħrajn billi jieħu miżuri ulterjuri biex jiġġieled prattiki dannużi bħaż-żwieġ tat-tfal, bikri u furzat, u jtemm l-impunità f'każijiet ta' vjolenza sesswali; jitlob lill-Gvern tal-Eritrea biex jirrispetta lill-unitajiet domestiċi mmexxija minn nisa weħidhom u jiżgura li dawn ikunu appoġġati u protetti;

13. Jikkundanna l-użu mill-Gvern tal-Eritrea "tat-taxxa tad-dijaspora", li tinġabar permezz ta' estorsjoni u mezzi illegali oħra mingħand l-Eritreani li jinsabu barra minn pajjiżhom u tintuża, bi ksur tar-riżoluzzjonijiet tan-NU, biex tiffinanzja gruppi armati f'pajjiżi ġirien u b'hekk tiddestabbilizza r-reġjun; Iħeġġeġ lill-gvern biex itemm il-politiki ta' "ħtija b'assoċjazzjoni" li jolqtu lill-qraba ta' dawk li jevadu s-servizz nazzjonali, ifittxu li jaħarbu mill-Eritrea jew jonqsu milli jħallsu t-taxxa fuq id-dħul ta' 2 % imposta mill-gvern fuq l-espatrijati tal-Eritrea;

14. Jitlob li l-Eritrea tiffirma u timplimenta minnufih il-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura u Trattamenti jew Pieni oħra Krudili, Inumani jew Degradanti u tirrispetta bis-sħiħ l-obbligi tagħha skont il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u l-Karta Afrikana għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli, li t-tnejn li huma jipprojbixxu t-tortura; jinnota bi tħassib li l-atturi pubbliċi u privati, inklużi l-kumpaniji, huma ristretti ħafna minħabba l-kontroll min-naħa tal-gvern; jirrikonoxxi li n-nuqqas ta' kwalunkwe ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, inkluż in-nuqqas ta' baġit nazzjonali, jagħmel impossibbli l-kontroll baġitarju, u li l-funġibilità tar-riżorsi finanzjarji minħabba l-kontrolli tal-bank ċentrali min-naħa tal-gvern tista' tinkoraġġixxi x-xiri militari u b'hekk tikkontribwixxi għat-terroriżmu u d-destabbilizzazzjoni fir-reġjun;

15. Iħeġġeġ lill-kumpaniji internazzjonali kollha li jinvestu fl-Eritrea biex jaġixxu b'rispett tat-twettiq sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem u biex ma jagħmlu l-ebda ħsara;

16. Iħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE biex jinvestigaw ir-rwol tal-FPDĠ u l-fergħat varji

tiegħu, inkluża l-fergħa taż-żgħażagħ, u jipprojbixxu l-forom kollha ta' assoċjazzjoni u attività li b'mod dirett jappoġġaw eżerċizzji ta' kontroll u sorveljanza fl-Ewropa, jimminaw il-prinċipji demokratiċi u l-istat tad-dritt, u joħolqu forom ta' intimidazzjoni u estorsjoni; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jaġixxu ħalli jtemmu t-taxxa tad-dijaspora u biex jinvestigaw it-tranżazzjonijiet finanzjarji relatati ma' kwalunkwe "kontribuzzjoni" magħmula minn assoċjazzjonijiet barranin marbutin mal-gvern Eritrean, u biex jipproteġu għalkollox id-drittijiet ta' asil tar-rifuġjati Eritreani kollha fl-Ewropa;

17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE, lill-Kunsill tal-Unjoni Afrikana, lill-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u lill-awtoritajiet tal-Eritrea.